## UMILTÀ U SUPERVJA

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb ta' Bin Sirak.**
**Sir 3, 19-21, 30-31**

Ibni, kun umli meta jkollok il-ġid, u tkun maħbub aktar minn dak li jagħti l-ħafna. Aktar ma tikber fid-dinja, aktar għandek tiċċekken, u quddiem Alla ssib kotra ta' ħniena; għaliex il-ħniena ta' Alla bla qjies, u liċ-ċkejknin jurihom il-fehmiet moħbija tiegħu. Il-ħsara tal-kburi m'hemmx fejqan għaliha, għax xitla ħażina xettlet fih. Il-qalb tal-għaref tifhem kliem il-għorrief, u l-widen wieqfa titgħaxxaq bil-għerf.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm67**
**O Alla, int ħejjejt dar għall-fqajjar.**

Il-ġusti jifirħu u jithennew quddiem Alla,
u jaqbżu bl-ferħ.
Għannu lill-Mulej, faħħru ismu,
Ifirħu quddiemu!

**R/. O Alla, int ħejjejt dar għall-fqajjar.**

Missier l-iltiema u difensur tar-romol,
Alla li hu fil-għamara mqaddsa tiegħu.
Alla jagħti d-dar lil dawk li huma weħidhom,
joħroġ il-ħabsin lejn ir-riżq.

**R/. O Alla, int ħejjejt dar għall-fqajjar.**

Xita bil-kotra bgħatt, o Alla,
l-art għaxana tal-wirt tiegħek inti ħjejtha.
Il-poplu tiegħek għammar fiha;
fi tjubitek ħejjejtha għall-fqajjar, o Alla.

**R/. O Alla, int ħejjejt dar għall-fqajjar.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ittra lil-Lhud**
**Lhud 12, 18-19, 22-24a**

Ħuti: Intom ma rsaqtux lejn in-nar materjali u jħaġġeġ (tas-Sinaj), lejn dik is-swidija, id-dalma, ir-riefnu, lejn dak id-daqq tat-tromba u l-ħoss tal-kliem, li dawk li kienu jisimgħu talbu bil-ħerqa li ma jkellimhomx aktar. Imma intom ersaqtu lejn il-muntanja ta' Sijon u lejn il-belt ta' Alla l-ħaj, li hi Ġerusalem tas-sema; ersaqtu lejn l-eluf ta' anġli f'ġemgħa ferrieħa, lejn il-ġemgħa ta' l-ulied ewlenin li isimhom hu miktub fis-sema, lejn Alla, l-imħallef ta' kulħadd, lejn l-erwieħ ta' nies twajba

magħmulin perfetti, lejn Ġesu', il-medjatur ta' patt ġdid.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah.**
Għax ried hu,
il-Missier wellidna bil-kelma tas-sewwa,
biex inkunu l-ewwel frott tal-ħlejjaq tiegħu.
**Hallelujah.**

**L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa**
**Lq 14, 1, 7-14**

Darba, kien is-Sibt, Ġesu' daħal għandu wieħed mill-kapijiet tal-Fariżej biex jiekol għandu, u huma qagħdu għajnejhom fih.
Billi ra' b'għajnejh kif il-mistednin bdew jagħżlu l-postijiet ta' quddiem fil-mejda, qalilhom din in-parabbola: "Meta wieħed jistiednek għall-festa tat-tieġ, tmurx toqgħod fil-post ta' quddiem, li ma jkunx hemm xi ħaddieħor aqwa minnek mistieden minnu, u dak li jkun stieden lilek, u lilu jiġi fuqek u igħidlek, 'Ħa joqgħod dan hawnhekk.' U int imbagħad, b'regħxa ta' mistħija fuqek, tibda tieħu l-post ta' l-aħħar. Għall-kuntrarju, meta tkun mistieden, mur inxteħet fil-post ta' l-aħħar, biex meta jiġi dak li stiednek, igħidlek, 'Ħabib, itla' f'post aktar 'il fuq.' U dan ikun ta' ġieħ għalik quddiem dawk kollha li jkunu fil-mejda miegħek. Għax kull min jitkabbar, jiċċekken; u min jiċċekken, jitkabbar.''
Imbagħad qal ukoll 'il dak li kien stiednu: "Meta tagħti ikla jew pranzu, tistedinx 'il ħbiebek jew 'il ħutek jew 'il qrabatek, anqas ġirien għonja, għax għandhom mnejn imbagħad jistiednu lilek huma, u hekk iroddulek il-pjaċir li tkun għamiltilhom. Għall-kuntrarju, meta tagħmel mejda, stieden nies foqra, magħtubin, zopop, għomja; u ħieni int, għax dawn ma għandhomx minn fejn iroddulek pjaċir bi pjaċir, imma jirtaddlek fil-qawmien tal-ġusti għall-ħajja!

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**